**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 185/12VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Illum 21 ta' Lulju 2016**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn XXX quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fit-12 ta' April 2011, in segwitu trasferit ghal quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema titlob li l-istima mahruga kontra taghha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04 tigi kkancellata *in toto* stante li: (i) l-istima hija infondata fil-fatt u fid-dritt; (ii) l-istima hija perenta a tenur ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu nharget oltre t-terminu ta' sitt snin mit-tmiem tal-perijodu ta' taxxa rilevanti previst fil-Ligi; (iii) fi kwalunkwe kaz u kemm-il darba kellu jitqies li l-istima in kwistjoni ma hijiex perenta, id-dewmien fil-hrug ta' stima provvizorja fil-konfront taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04 fir-rigward ta' negozju li waqfet topera f'Awwissu 2004, tant illi talbet ghall-kancellament tan-numru tar-registrazzjoni tal-VAT taghha, poggiha f'posizzjoni li ma setghetx tiddefendi ruhha bil-mod opportun;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrenti mill-istima mahruga kontra taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra taghha, u minflok l-istess imsemmija stima tigi kkonfermata stante li: (i) ghalkemm l-istima tkopri l-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04, id-denunzja ta' taxxa relattiva, li kellha tidhol fil-15 ta' Novembru 2009,

effettivament giet sottometssa fil-25 ta' Ottubru 2010; (ii) l-istima in kwistjoni hija valida u jisthoqqilha konferma stante li: (a) l-istima provizzorja giet notifikata lir-Rikorrenti fl-10 ta' Novembru 2010; u (b) in-notifika ta' l-istima hija valida skond l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex f'kaz ta' sottomissjoni tardiva tad-denunzja tat-taxxa, bhal ma kien il-kaz hawnhekk, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghandu zmien sitt snin mid-data li tintbaghat id-denunzja biex jinnotifika l-istima porvizorja; (c) l-istima finali ukoll giet notifikata skond l-Artikolu 32(3) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta fis-26 ta' Marzu 2011; (iii) il-likwidazzjoni ta' taxxa ghall-perijodu 01.05.04-31.08.04 hija gusta u timmerita konferma;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud markati Dok. "A" sa' Dok. "E";

Sema' x-xhieda moghtija minn Noel Borg in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 2012[1], ix-xhieda moghtija minn Roderick Sultana[2] u Lawrence Gatt[3] in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju 2013 u ra d-dokumenti esebiti minn Roderick Sultana markati Dok. "RC1" a fol. 44 sa' 75 tal-process, ra l-affidavit ta' Alfred Mifsud u tan-Nutar Miriam Spiteri Debono esebiti mir-Rikorrenti permezz ta' Notaipprezentata fil-21 ta' Mejju 2013 a fol. 76 sa' 81 tal-process; sema' x-xhieda ta' Lorraine Galea[4] in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u ta' Alfred Mifsud[5] moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2013;

Sema' t-trattazzjoni orali finali da parte tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti tikkontesta stima mahruga kontra taghha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04 permezz ta' liema qed tigi mitluba thallas is-somma ta' €1,843.01 bhala taxxa, flimkien mas-somma ta' €378.60 bhala penali amministrattiva u s-somma ta' €238.28 bhala imghax, ghall-valur komplessiv ta' €2,459.89[6]. Ir-Rikorrenti titlob li l-imsemmija stima tigi kkancellata *in toto* stante li: (i) l-istima hija nfondata fil-fatt u fid-dritt; (ii) l-istima hija perenta a tenur ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi nharget oltre t-terminu statutorju ta' sitt snin mit-tmiem tal-perijodu ta' taxxa rilevanti; u (iii) fi kwalunkwe kaz, kemm-il darba l-istima ma kellhiex titqies

[1] Fol. 24 sa' 33 tal-process.
[2] Fol. 82 tal-process.
[3] Fol. 83 sa' 87 tal-process.
[4] Fol. 89 sa' 94 tal-process.
[5] Fol. 95 sa' 98 tal-process.
[6] Stima kontestata annessa mar-Rikors promotur.

perenta, id-dewmien fil-hrug ta' l-istima provizorja ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04 fir-rigward ta' negozju li hija waqfet topera f' Awwissu ta' l-2004, tant illi talbet il-kancellament tan-numru ta' registrazzjoni tal-VAT taghha, poggiha fl-impossibilità li tiddefendi ruhha bil-mod opportun.

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Kummissarju tat-Taxxi[7], jopponi ghall-appell tar-Rikorrenti mill-istima mahruga minnu ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04 u jitlob li l-istess jigi michud filwaqt li l-istima tigi ikkonfermata stante li: (i) ghalkemm l-istima tkopri l-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04, id-denunzja ta' taxxa relattiva, li kellha tidhol fil-15 ta' Novembru 2009, effettivament giet sottometssa fil-25 ta' Ottubru 2010; (ii) l-istima in kwistjoni hija valida u jisthoqqilha konferma stante li: (a) l-istima provizzorja giet notifikata lir-Rikorrenti fl-10 ta' Novembru 2010; u (b) in-notifika ta' l-istima hija valida skond l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex f'kaz ta' sottomissjoni tardiva tad-denunzja tat-taxxa, bhal ma kien il-kaz hawnhekk, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghandu zmien sitt snin mid-data li tintbaghat id-denunzja biex jinnotifika l-istima porvizorja; (c) l-istima finali ukoll giet notifikata skond l-Artikolu 32(3) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta fis-26 ta' Marzu 2011; u (iii) il-likwidazzjoni ta' taxxa ghall-perijodu 01.05.04-31.08.04 hija gusta u timmerita konferma.

Fid-dawl ta' l-aggravju sollevat mir-Rikorrenti li l-istima mahruga kontra taghha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04 hija perenta a tenur ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, liema aggravju qed jigi kontestat mill-imsemmi Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, huwa evidenti li t-Tribunal ghandu jittratta u jiddeciedi tali aggravju qabel ma jittratta l-appell fil-meritu.

A tenur ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli fiz-zmien rilevanti ghall-proceduri odjerni, *meta l-Kummissarju jkollu ghaliex jahseb li denunzja tat-taxxa maghmula minn persuna registrata taht l-artikolu 10 ghal zmien ta' taxxa ma jkunx fiha dikjarazzjoni shiha u korretta ta' l-informazzjoni mehtiega li tkun dikjarata f'dik id-denunzja hu jista' jaghmel stima provizorja u ghandu jinnotifika dik l-istima provizorja lil dik il-persuna mhux iktar tard minn sitt snin mit-tmiem ta' l-imsemmi zmien ta' taxxa jew mid-data li fiha tintbaghat id-denunzja ta' taxxa ghal dak iz-zmien ta' taxxa, skond liema data tigi l-aktar tard: Izda fejn l-istima provizorja tkun tirreferi ghall-aggustament li jirrelata ma' l-input tax fuq l-oggetti kapitali imsemmija fl-Ghaxar Skeda, ghandha tigi notifikata mhux aktar tard minn sitt snin mit-tmiem tal-perijodu ta' aggustament imsemmi fl-imsemmija skeda.*

Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li ghall-finijiet u effetti ta' l-istess provvediment, it-terminu statutorju ta' sitt snin entro liema ghandha tinhareg

[7] Artikolu 3 tal-Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta.

u tigi notifikata stima ta' taxxa fil-konfront ta' *taxpayer* jibda jiddekorri **jew mit-tmiem tal-perijodu ta' taxxa in kwistjoni jew mid-data meta tigi sottomessa d-denunzja ta' taxxa relattiva, skond liema data tigi l-aktar tard**. Tali distinzjoni fid-dekorrenza tat-terminu statutorju ta' sitt snin hija, fil-fehma tat-Tribunal, ferm rilevanti fil-kaz in ezami.

Mill-provi prodotti jirrizulta li:

- Fit-3 ta' Ottubru 2003 ir-Rikorrenti talbet li tigi rregistrata mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fir-rigward ta' l-attività ekonomika ta' *importer & retail sale of clothes*[8];
- It-talba taghha giet milqugha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u b'Avviz relattiv giet infurmata *inter alia* li: (i) l-ewwel denunzja ta' taxxa taghha kienet ghaz-zmien 01.10.03-31.01.04, (ii) il-perijodi ta' taxxa sussegwenti jkunu kull tnax-il xahar; u li (iii) id-denunzji ta' taxxa relattivi kellhom jaslu d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fi zmien sitt gimghat minn meta jaghlaq kull perijodu ta' taxxa[9];
- In-negozju ma marx skond l-aspettattivi tar-Rikorrenti u wara ftit xhur ta' attività, senjatament fil-15 ta' Settembru 2004, talbet ghall-kancellament tan-numru tar-registrazzjoni tal-VAT taghha b'effett mill-31 ta' Awwissu 2004, id-data minnha dikjarata bhala d-data tal-waqfien tan-negozju[10];
- It-talba taghha ghad-*de-registration* jidher li giet milqugha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u permezz ta' ittra datata 10 ta' Novembru 2008 giet infurmata li *you may wish to note that in accordance with the Provisions of VAT Act 1998, the Commissioner cancelled your registration with effect from the 1st May 2004. In the circumstances, you are kindly requested to submit to this office the Registration Certificate and any Fiscal Receipt Book/s, relating to this number, still in your possession (if they have not yet been returned)*[11];
- B'ittra ohra datata 21 ta' Mejju 2009 ir-Rikorrenti, a tenur ta' l-Artikolu 53 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, giet mitluba tissottometti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud il-kotba tax-Xiri mill-1.10.03-31.01.04, 01.02.04-30.04.04; il-kotba tal-Bejgh mill-01.10.03-31.01.04, 01.02.04-30.04.04, ricevuti u fatturi ta' Bejgh u Xiri ghall-istess perijodi u Profit and Loss accounts ghall-istess perijodi ukoll[12];
- Din l-istess talba giet ripetuta b'ittra ohra lir-Rikorrenti datata 19 ta' Gunju 2009[13];
- Ir-Rikorrenti però ma pprovdietx dokumentazzjoni ghaliex skontha din intilfet jew addirittura ddisponiet minnha meta kienet fil-process ta' separazzjoni u qed tittrasloka minn fond ghal iehor[14];

---

[8] Fol. 44 tal-process.
[9] Fol. 45 tal-process.
[10] Fol. 46 tal-process.
[11] Fol. 47 tal-process.
[12] Fol. 48 tal-process.
[13] Fol. 49 tal-process.

- Fil-25 ta' Awwissu 2009 l-Ispetturi tat-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ikkonkludew ir-rapport taghhom dwar l-verifika *if VAT has been accounted for in the VAT return as self supply and whether any VAT on capital claimed has been passed to the VAT Department after Ms. XXX applied for de-registration* u fost affarijiet ohra ghamlu rakkomandazzjoni biex *the VAT number be re-activated so as to include the declarations mentioned above* (ossia n-nuqqasijiet minnhom riskontrati). *A new tax period is to be created covering the period from 01/05/2004 till 31/08/2004, so as to be able to raise the provisional assessments*[15]*;*
- Bhala fatt jidher li tali *new tax period* effettivament infetah u r-Rikorrenti giet mitluba tissottometti denunzja tat-taxxa ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04 sal-15 ta' Novembru 2009, liema denunzja però giet effettivament minnha sottomessa fil-25 ta' Ottubru 2010;
- Fit-8 ta' Novembru 2010 il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hareg stima provvizorja fil-konfront tar-Rikorrenti ghall-imsemmi perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04 in forza ta' liema esiga hlas tas-somma ta' €1,843.01 bhala taxxa, flimkien mas-somma ta' €368.60 bhala penali amministrattiva u 1%/0.75% fix-xahar imghax[16];
- L-istima provvizorja giet notifikata lir-Rikorrenti fl-10 ta' Novembru 2010[17];
- Ir-Rikorrenti talbet *review* ta' l-istima provizorja mahruga kontra taghha izda r-Review Officer ikkonkludiet illi l-istima kif mahruga ghandha tigi kkonfermata[18];
- Fit-23 ta' Marzu 2011 inharget l-istima finali ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04 in forza ta' liema l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jesigi hlas minghand ir-Rikorrenti, kif già iktar 'l fuq osservat, tas-somma ta' €1,843.01 bhala taxxa, flimkien mas-somma ta' €378.60 bhala penali amministrattiva u s-somma ta' €238.28 bhala imghax, ghall-valur komplessiv ta' €2,459.89[19];
- L-istima finali giet notifikata lir-Rikorrenti fis-26 ta' Marzu 2011[20].

Minn dawn il-fatti jirrizulta li l-verifika tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fir-rigward tar-Rikorrenti nbdiet u giet konkluza entro t-terminu ta' sitt snin mit-tmiem tal-perijodu ta' taxxa meritu ta' dawn il-proceduri, ossia entro t-terminu ta' sitt snin mill-31 ta' Awwissu 2004. In effetti l-investigazzjoni fir-rigward tar-Rikorrenti giet konkluza fit-28 ta' Awwissu 2009[21]. Peress illi r-Rikorrenti issottomettiet id-denunzja tat-taxxa taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04, li huwa l-perijodu ta' taxxa li

[14] Fol. 50 tal-process.
[15] Dok. "D" anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.
[16] Fol.54 tal-process.
[17] Dok. "B" anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.
[18] Dok. "E" anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.
[19] Fol. 68 tal-process.
[20] Dok."C" tal-process.
[21] Vide raport ta' l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Dok. "D" anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

ghalih tirriferi l-istima meritu ta' dawn il-proceduri, fil-**25 ta' Ottubru 2010**, a tenur ta' dak provdut fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-terminu ta' sitt snin ghall-hrug ta' l-istima da parte tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fir-rigward tar-Rikorrenti beda jiddekorri minn tali data, essendo din id-data l-iktar tard bejn id-data tat-tmiem tal-perijodu ta' taxxa in kwistjoni u d-data meta appuntu giet sottomessa d-denunzja tat-taxxa relattiva.

Ghall-finijiet ta' validità ta' l-istima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-konfront tar-Rikorrenti ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04, oltre l-imsemmi subartikolu (1) ta' l-Artikolu 32 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta hemm provvediment ulterjuri li jehtieg jigi ikkunsidrat u dan huwa s-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 32 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, liema subartikolu jipprovdi li: *wara li jghaddi zmien ta' mhux inqas minn tletin jum u mhux iktar minn sitt xhur minn notifika ta' stima provizorja lil persuna dwar zmien ta' taxxa, il-Kummissarju jista' jaghmel stima ta' l-output tax u t-tnaqqis ta' dik il-persuna ghal dak iz-zmien u tal-penali amministrattiva li ghaliha dik il-persuna tkun giet suggetta u ghandu jinnotifika dik l-istima lil dik il-persuna.*

Fil-kaz in ezami, ladarba l-istima provvizorja ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04 fir-rigward ta' liema d-denunzja relattiva giet sottomessa fil-25 ta' Ottubru 2010, inharget fit-8 ta' Novembru 2010 u giet notifikata lir-Rikorrenti fl-10 ta' Novembru 2010 u l-istima finali nharget fit-23 ta' Marzu 2011 u giet notifikata lir-Rikorrenti fis-26 ta' Marzu 2011, jirrizulta li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrenti l-istima mahruga fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04 ma hijiex perenta.

Ghaldaqstant jirrizulta li t-tieni aggravju sollevat mir-Rikorrenti ma huwiex gustifikat u bhala tali ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ir-Rikorrenti tikkontendi wkoll li l-istima mahruga kontra taghha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04 ghandha tigi kkancellata *in toto* in kwantu nfondata fil-fatt u fid-dritt. Tul is-smigh ta' dawn il-proceduri rrizulta li wahda mill-kontestazzjonijiet principali tar-Rikorrenti fir-rigward ta' l-imsemmija stima, senjatament fir-rigward tal-mod kif inhadmet, huwa l-mark-up ta' 79% li gie utilizzat mill-Kummissarju fir-rigward tan-negozju taghha.

Fir-Rapport taghhom l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud osservaw u kkunsidraw illi *the Department had not documents to work on except the information that has been retrieved from the Customs data base and VIES. During the tax period 01/10/2003-31/01/2004 Ms. XXX declared that she has bought/imported Lm3,904 worth of clothes while in the next tax period, 01/02/2004-30/04/2004 she declared Lm2554 worth of goods. As already stated Ms. XXX acquired clothing from the EU during the*

*month of June over and above those declared in the VAT returns. According to the VIES system there was another ICA from Italy amounting to €6,397, which again was not declared in any returns since the account has been de-registered. It is important to note that no ICA's were declared in the second quarter of the VIES system. In the two tax periods she declared Lm1534 and Lm160 sales respectively. From the profit and loss submitted by Ms. XXX for the year 2004, there was declared sales for the period 01/05/04-31/08/2004 amounting to Lm2352. These were not accounted for since there were no tax periods. Moreover Ms. XXX applied for de- registration with effect from August 2004. Ms. XXX insisted that she did not trade or bought any goods after August 2004 and she forwarded an affidavit confirming this (Red 20). On checking information the VAT number of the supplier is the same from where Ms. XXX usually bought. In the VAT Act as amended and published in Malta Government Gazette No. 17481, the Second Schedule paragraph 14(1) & (2) states that: "(1) Subject to paragraph (3), the application by a person registered under article 10 of goods forming part of his economic activity for his private use or that of his staff, or the disposal thereof free of charge or, more generally, their application for purposes other than those of his economic activity, where the value added tax on the said goods or the component parts thereof was wholly or partly deducted, shall be treated as a supply of goods for consideration by that taxable person acting as such. (2) Paragraph (1) also applied with respect to the goods forming part of the economic activity of a person at the time when his registration under article 10 is, for any reason, cancelled: Provided that the Commissioner may exempt that person from accounting for the supply when he has reason to believe that the taxable value is less than one hundred liri". In view of the above the Department had to consider the remaining stock and the capital claimed as self supply once Ms. XXX applied for de-registration. Considering the affidavit forwarded by Ms. XXX, the following workings were done.* ***To establish the stock remaining, once no documents were produced, the Department had to work on the established mark-ups. In such case the Department works on 79%[22].***

Mix-xhieda ta' Noel Borg[23], appuntu wiehed mill-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li hadem fuq l-verifika fir-rigward tar-Rikorrenti, u mix-xhieda ta' Lorraine Galea[24], Review Officer, u mid-dokumenti esebiti minn Roderick Sultana in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)[25] jirrizulta ikkonfermat li ladarba ir-Rikorrenti ma pprovdiet l-ebda dokumentazzjoni fir-rigward tan-negozju taghha, id-Dipartiment, ghall-figuri li ottjena minn dokumentazzjoni ufficjali fir-rigward tar-Rikorrenti li huwa irnexxielu jottjeni, applika mark-up prestabbilita minnu ghal negozju ta' *import and retail sale of clothes*, ossia

[22] Enfasi tat-Tribunal.
[23] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 2012, fol. 24 sa' 33 tal-process.
[24] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2013, fol. 89 sa' 94 tal-process.
[25] Dok. "RC1" a fol. 44 sa' 75 tal-process.

ghat-tip ta' negozju li riedet tezercita r-Rikorrenti, ta' 79%. Bazikament ghalhekk jirrizulta li l-istima mahruga fil-konfront tar-Rikorrenti hija, ghall-inqas in parte, ibbazata fuq assunzjoni li fin-negozju minnha ezercitat ghal ftit xhur biss ir-Rikorrenti kellha tali mark-up ta' 79%.

Din l-assunzjoni hija kontestata mir-Rikorrenti ghar-raguni li skontha negozju ta' dan il-generu li gie ezercitat ghal ftit xhur biss qatt ma seta' jiggenera mark-up ta' 79% izda l-iktar l-iktar kien hemm mark-up ta' 34%. L-argument tar-Rikorrenti jinsab kjarament espost f'ittra lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 24 ta' Jannar 2011 fejn jinghad illi: *we maintain that the industry wide mark-up is irrelevant to the realities of a high fashion shop which opened for business on 1st December 2003 and closed down in financial disaster by 31st August 2004. Even simple logic dictate that the applicable cost of sales for such an unfortunate business venture would be much lower than the industry wide benchmark. The shop was opened without any advertising campaign in a location unsuitable for such an operation and prices had to be discounted very rapidly from original expectations so much so that in the final three months of the venture, i.e. between 01.05.2004 and 31.08.2004 sales value at Lm2352 were nearly four times as much as in the first four months between January and April 2004 Lm641. This was only possible by substantial discounting including selling below cost in order to offload stock which was rapidly losing value while going out of fashion. Consequently we maintain that when a business venture crashes into a financial collapse within 9 months of its birth it is totally illogic to apply a cost of sales percentages benchmark drawn from businesses which are long established and operating profitably. Our position is that total sales amounting to Lm4046 for the whole period of operation ... was only possible through savage discounting, especially in the final months which renders the cost of sales higher than the sales value – Lm6,703 being 65% negative mark up. ...*[26]

Dak sostnut mir-Rikorrenti fir-rigward tal-mark up li effettivament ghandu japplika fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz jinsab ulterjorment konfermat minn Alfred Mifsud li, fl-affidavit tieghu, ddikjara li *l-VAT qed isostnu li l-valur ta' l-istokk meta ghalaqt il-hanut kien Euro 10,239 aktar minn dak li stmajt jien u dan billi jkejlu margin ta' profit ekwivalenti ghal 44% tal-bejgh jew 79% mark-up fuq il-cost. Dan huwa benchmark li juzaw il-hwienet li joperaw b'mod normali u certament ma jghoddx ghal hanut li jiftah u jaghlaq fi ftit xhur*[27].

Il-fatt li d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud f'dan il-kaz adopera mark-up prestabbilita minnu ghal negozju ta' *import and retail sale of clothes*, ossia ghat-tip ta' negozju li riedet tezercita r-Rikorrenti, ta' 79%, minghajr ma ghamel distinzjoni fl-applikazzjoni ta' tali mark-up bejn negozju avvjat sew u

[26] Fol. 60 sa' 62 tal-proess.
[27] Fol. 77 sa' 79 tal-process.

in-negozju in kwistjoni li pratikament falla u kellu jaghlaq wara ftit xhur, johrog ferm car mix-xhieda ta' Noel Borg u ta' Lorraine Galea. Minn din ix-xhieda jirrizulta wkoll li d-Dipartiment adopera tali assunzjoni fir-rigward tan-negozju tar-Rikorrenti ghaliex ma pprovdiet l-ebda dokumentazzjoni in sostenn ta' fatt kuntrarju u wisq inqas tal-fatt li l-mark-up li hija kellha kien, l-iktar l-iktar ta' 34%.

Fil-fehma tat-Tribunal filwaqt li d-Diprtiment f'dan il-kaz kellu, per necessità, jaghmel certa assunzjonijiet, l-istess Dipartiment kellu d-dover u l-obbligu li jaghmel u japplika assunzjonijiet li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz in ezami jkunu ragonevoli. Fir-rigward issir referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Appell Nru.17/06** deciza fid-9 ta' Mejju 2007[28] dwar l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud f'dawk ic-cirkostanzi meta t-*taxpayer* ma jfornix id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni kollha mitluba minnu: *(1) Fl-ewwel lok huwa indubitat illi l-iskop ta' kull ligi fiskali hu dak li kulhadd irodd dak li hu dovut minnu skond il-ligi. Hu proprju ghar-raggungiment ta' dan l-iskop illi kull ligi fiskali, anke biex tassikura adempiment mad-disposizzjonijiet tal-ligi, takkorda lil Kummissarju s-setgha diskrezzjonali biex jasal ghall-assessment ta' dak dovut mit-taxpayer. Ir-raguni ghall-azzjoni bhal din jistghu jkunu multipli. Ad ezempju, fejn taxpayer jonqos milli jibghat ir-return, jew ma jipproducix certi dokumenti bhal records tan-negozju u fatturi ta' Taxxa jew ukoll ghaliex il-Kummissarju jkun tal-fehma illi dak iddenunzjat lilu ma jikkorrispondix ghas-sewwa; (2) Ragonevolment, kull assunt tal-Kummissarju ghal xi wahda mir-ragunijiet ezemplifikati ma ghandhiex a priori tissarraf ta' bilfors f' tax liability. Li kieku kien hekk il-ligi ma kienetx tipprovdi ghad-dritt ta' appell generali lill-Bord mill-likwidazzjoni kif kalkolata mill-Kummissarju. Huwa ferm logiku allura li jinghad li dak l-assunt jistabilixxi biss, u prima facie, l-ezistenza ta' tax liability izda l-korrettezza tieghu, la darba mpunjat, trid tigi mistharrga; (3) Hu proprju ghalhekk li l-ligi tivvesti fil-Bord l-istess setgha diskrezzjonali biex jinvestiga u jivverifika jekk* ***l-ezercizzju maghmul mill-Kummissarju jivvjolax il-limiti mposti mil-ligi u biex jara wkoll jekk dik id-diskrezzjoni tieghu gietx sewwa u legalment ezercitata fil-forma u fis-sustanza, mehud qies tar-rispett ta' l-interessi u l-jeddijiet tat-taxpayer. Fuq kollox, kif senjalat mill-gurisprudenza, jekk tali ezercizzju kienx "fair and honest"***[29]. *Ara Kollez. Vol. XXXII P II p 317. Hu koncess lill-Bord, ex-Artikolu 3 tas-Sitt Skeda ta' l-Att, li f' din ir-ricerka jasal biex sahansitra jissostitwixxi d-decizjoni diskrezzjonali tal-Kummissarju b' dik tieghu.*

Issir referenza wkoll ghad-decizjoni tal-Judicial Committee tal-Privy Council moghtija fit-8 ta' Frar, 1971 (per Lord Donovan) fil-kaz **The Argosy**

[28] Decisions of the Court of Appeal, Vol. 4 pg. 136.
[29] Enfasi tat-Tribunal.

**Company Ltd -vs- The Commissioner of Inland Revenue**, trattasi ta' riferenza mill-Qorti ta' l-Appell tal-Guyana fejn intqal dan:- *"From the express terms of Section 48 (4) (Income Tax Ordinance tal-Guyana) before the Commissioner can make an assessment to the best of his judgement, he must first form an opinion that the person is liable to pay tax.* ***This must mean a rational opinion and not one which flies in face of the facts or which no reasonable person could form***[30]*. The Representative of the Commissioner of Inland Revenue after admitting that he could not say on what grounds the Commissioner had formed that opinion, contented himself with arguing that the Commissioner had made an assessment to the best of his judgement and that the onus was on the Company to prove that the assessment was excessive". Aktar fundamentali ghall-fattispeci hi din is-silta li ssegwi:* ***"Admittedly the onus of proving that the condition precedent to making an assessment did not exist lay in the first instance on the Company, but in Civil Proceedings the onus shifts from time to time according to the state of the evidence. Here, to put the matter at its lowest, a strong "prima facie" case had been made out that the Commissioner had formed an opinion on liability which no reasonable person could hold. It was then for him, if he could, to show the contrary and he made no attempt to do so"***[31].

Fil-kaz in ezami ma jidhirx li qed jigi kontestat jew dubitat li n-negozju li r-Rikorrenti bdiet topera lejn l-ahhar tas-sena 2003 ma rnexxiex skond l-aspettativi taghha tant li bhala konsegwenza pprocediet biex titlob ghall-kancellament tan-numru ta' registrazzjoni tal-VAT taghha, u li ghalhekk dan ma kienx xi negozju avvjat sew u li ma kienx qed jirrendilha tajjeb – kif del resto minnha dejjem sostnut. In effetti r-raguni li nghatat ghall-applikazzjoni tal-mark-up ta' 79%, ossia, jigi ribadit, mark-up prestabbilit mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghal negozji ta' l-istess generu bhal dak gestit mir-Rikorrenti imma li huma negozji avvjati sew u gestiti ghal ammont ta' zmien apprezzabbli, kienet semplicement ghaliex ir-Rikorrenti ma ipproducietx id-dokumenti w informazzjoni lilha mitluba. Ghalkemm ma hemmx dubju li r-Rikorrenti kellha l-obbligu li tipprovdi tali dokumentazzjoni u dan a tenur ta' l-Artikolu 48 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-fehma tat-Tribunal in-nuqqas ta' produzzjoni ta' tali dokumentazzjoni bl-ebda mod ma jista' jiggustifika l-ghazla tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li ghall-kaz tar-Rikorrenti, li in verità jinvolvi negozju li falla wara biss ftit tax-xhur, japplika mark-up generali ta' 79%. Ir-raguni u l-gustizzja f'dan il-kaz certament jirrikjedu li s-sitwazzjoni partikolari tan-negozju in kwistjoni tigi ikkunsidrata u jigi applikat mark-up li effettivament jirrifletti l-istat ta' tali negozju, mark-up li fil-fehma tat-Tribunal ghandu jkun ferm inqas minn dak ta' 79% applikat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Certament

---

[30] Enfasi tat-Tribunal.

[31] A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Mejju 2008, Decisions of the Court of Appeal [Income Tax] Vol. 6 pg. 268. Enfasi tat-Tribunal.

irid jittiehed kont, jekk xejn, tal-lokal fejn kien sitwat il-hanut in kwistjoni, ossia f'Hal Balzan li bla dubju ta' xejn huwa lokal ferm differenti minn postijiet ohra bhal ad ezempju tas-Sliema u n-negozju relattiv ezercitat minn hemm difficilment jista' jigi pparagunat ma' negozju gestit mic-centru ta' tas-Sliema u b'hekk jigi applikat l-istess tip ta' mark-up, anke jekk prestabbilit mid-Dipartiment.

Huwa evidenti li fil-kaz in ezami tali konsiderazzjonijiet ma sarux da parte tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u meta effettivament tali kwistjonijiet u cirkostanzi jigu debitament ikkunsidrati, it-Tribunal hu tal-fehma li huwa iktar ragonveoli li ghan-negozju gestit mir-Rikorrenti ghal ftit xhur jigi applikat mark-up ta' 47%. In kwantu rigwarda c-cifri relattivi ghall-bejgh maghmul mir-Rikorrenti, il-valur ta' l-istock akkwistat mir-Rikorrenti u il-valur ta' akkwisti ohra maghmula mill-istess Rikorrenti tul il-perijodu ta' taxxa in kwistjoni in bazi ghal liema l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hadem il-likwidazzjoni ta' taxxa ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04, it-Tribunal ftit li xejn ghandu xi jghid fir-rigward in kwantu tali figuri ttiehdu direttament mid-denunzji tat-taxxa tar-Rikorrenti u il-Profit & Loss Accounts taghha, u ghalhekk huma cifri kif dikjarati minnha stess, **u** minn informazzjoni ufficjali relattiva ghall-akkwisti Intra-Kommunitarji effettwati minnha tul iz-zmien in kwistjoni. Madanakollu però ghad illi t-Tribunal iqis li tali cifri ghandhom jigu kkonfermati u jibqghu jiffurmaw il-bazi tal-konsiderazzjonijiet vis-à-vis ir-responsabilità fiskali tar-Rikorrenti ghall-perijodu ta' taxxa in kwistjoni, applikat mark-up iktar ragonevoli ta' 47%, is-sitwazzjoni tigi kif hawn espost:

| | |
|---|---|
| Sales in two tax periods | €3,945 |
| Underdeclared sales<br>(May/August 2004 – as per Profit & Loss) | €5,478 |
| **Total Sales** | **€9,423** |
| Costs of Sales @ 47% mark up | €6,410 |
| Declared Purchases | €15,042 |
| **Deemed Clsoing Stock** | **€8,632** |
| Add Intra-Comm. Acquisitions<br>(Intrastat) Invoice Value | €5,119 |
| Total | €13,751 |
| **VAT on stock at 18%** | **€2,475.18** |

B'hekk fil-fehma tat-Tribunal huwa iktar logiku u ragonevoli li t-taxxa fuq il-valur mizjud dovuta fuq l-istock li r-Rikorrenti kellha f'idejha meta applikat ghad-*de-registration* tammonta ghal €2,475.18. B'hekk l-aggravju tar-Rikorrenti li l-istima mahruga kontra taghha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq

il-Valur Mizjud ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04 hija infondata fil-fatt u fid-dritt huwa **in parte** gustifikat u konsegwentement ghalhekk l-istima tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-imsemmi perijodu ta' taxxa ghandha tigi varjata biex debitament tirrifletti l-aggustament – fis-sens ta' tnaqqis – fit-taxxa dovuta fuq il-closing stock. Fil-kalkolu finali però trid tittiehed in konsiderazzjoni t-taxxa già mhallsa mir-Rikorrenti fuq il-*closing stock,* u allura jibqa bilanc dovut ta' **€1,636.56**

Ir-Rikorrenti tikkontendi wkoll li l-istima mahruga kontra taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04 ghandha tigi kancellata *in toto* ghaliex minhabba d-dewmien tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud f'li jaghmel verifika fil-konfront taghha in segwitu ghat-talba ghad-*de-registration* hija kienet fl-impossibilità li tiddefendi ruhha bil-mod opportun minhabba nuqqas assolut tad-dokumentazzjoni w informazzjoni opportuna. L-aggravju taghha fir-rigward huwa s-segwenti: *as no provisional assessment was made on the basis of my submissions in 2005, in terms of Section 49(2) of the Act I had no obligation to keep records beyond August 2010. It is clearly a case of departmental irresponsibility that it took you more than 6 years after the end of the tax period in question to inform me that I had to submit a return on the correct form and pay the undisputed VAT – something I did in October 2010. However, my action to submit the return on the proper form and the payment of undisputed tax on the basis of submissions I had made in 2005 with my application for de-registration does not in any way empower the Department to issue a new provisional assessment after more than 6 years of the tax period in question, as you did in November 2010.*

Fil-fehma tat-Tribunal l-aggravju tar-Rikorrenti ma huwiex ghal kollox gustifikat u bl-ebda mod ma jista' jwassal ghall-kancellament *in toto* ta' l-istima mahruga kontra taghha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04.

Jibda biex jigi osservat li a tenur ta' l-Artikolu 53 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta *l-Kummissarju ghandu bil-ghan li jigi zgurat twettiq skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, ikollu is-setgha - (a) li jidhol u jispezzjona kull fond fejn tigi gestita jew tkun suspettata li qed tigi gestita xi attività ekonomika jew fejn oggetti, proprjetà, kotba, kull rekord jew dokument li jirrigwardaw dik l-attività jkunu qed jinzammu jew ikunu suspettati li qed jinzammu u li jwaqqaf, jidhol u jispezzjona kull mezz li jkun qed igorr oggetti jew kull mezz ta' trasport ta' oggetti, li jordna t-twassil tal-istess mezz f'post iehor u li jiftah dawk l-oggetti biex jivverifika l-kwantità u l-valur tal-oggetti mal-fatturi, kotba, u kull rekord jew dokument li jirrigwardjaw dawk l-oggetti sabiex jiddetermina jekk ittehidx kont tat-taxxa fuq il-valur mizjud skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att; (b) li jispezzjona u jehtieġ il-produzzjoni ta' kotba, kull record jew dokument, inkluz taghrif li jinqara permezz tal-makni, jew kopja jew estratt taghhom li jirrigwardaw l-attività ekonomika ta' xi persuna; (c) bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 55,*

*jitlob lil persuna li taghti dak it-taghrif li jista' jehtieg bil-ghan li jigi stabbilit jekk ikunux saru xi provvisti taxxabbli jew xi provvisti ezenti bil-kreditu minn jew lil dik il-persuna jew jekk ikunux saru xi akkwisti jew importazzjonijiet intra-Komunitarji minn dik il-persuna jew il-valur ta' kull tali provvista, akkwist jew importazzjoni u li jehtiegu lil xi persuna li tattendi fl-ufficcju tal-Kummissarju bil-ghan li taghti dak it-taghrif; (d) jitlob il-partikolaritajiet kollha inkluzi l-isem, il-kunjom, l-indirizz u li jintwera dokument ta' identifikazzjoni legalment validu ta' kull persuna li tkun suspettata li qed tikser xi wiehed mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti maghmula taht dan l-Att; u (e) meta persuna taxxabbli stabbilita f'Malta tahzen fatturi li hija tohrog jew tircievi b'xi mezz elettroniku li jkun jiggarantixxi access on-line ghad-data u meta l-post tal-hzin ikun fi Stat Membru li ma jkunx dak fejn tkun stabbilita, il-Kummissarju ikollu d-dritt ta' access b'mezz elettroniku, jaghmel download, u juza dawk il-fatturi bil-ghan li jizgura t-tharis tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.*

Dawn is-setghet piuttost wiesgha tal-Kummissarju tat-Taxxi u qablu tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, huma però cirkoskritti bil-perijodu ta' zmien, ossia bit-terminu statutorju ta' sitt snin mit-tmiem tal-perijodu ta' taxxa li jkun qed jigi investigat. Dana jirrizulta b'konsegwenza logika u naturali ta' dak provdut fl-Artikolu 48 (mhux Artikolu 49 kif erronejament indikat mir-Rikorrenti) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu fiz-zmien rilevanti ghall-proceduri odjerni kien jipprovdi *inter alia* li: *(1) Kull persuna registrata taxxabbli stabbilita f'Malta ghandha zzomm dokumentazzjoni shiha u kif imiss ta' l-operazzjonijiet kollha mwettqa fil-kors jew avvanz ta' l-attività ekonomika taghha. (2) Kull persuna li tkun suggetta ghat-taxxa fuq xi operazzjoni jew li tidentifika lilha nnfisha bhala persuna registrata taht dan l-Att ghall-ghan ta' xi operazzjoni, ghandha izzomm dokumentazzjoni shiha u kif imiss ta' kull operazzjoni bhal dik. (3) Kull persuna taxxabbli u kull persuna legali mhux taxxabbli ghandha zzomm dokumentazzjoni shiha u kif imiss ta' l-akkwisti intra-Komuniktarji kollha maghmula minnha. (4) Id-dokumentazzjoni li ghaliha jirreferu s-subartikoli (1), (2) u (3) ghandha tinzamm u tinhazen b'dan il-mod, ikun fiha dawk id-dettali u tkun dokumentata b'dak it-taghrif, dokumenti u kontijiet murija fil-Hdax-il Skeda u dik id-dokumentazzjoni, taghrif, dokumenti u kontijiet ghandhom jinzammu ghal zmien ta' mill-anqas sitt snin minn tmiem is-sena li jkollhom x'jaqsmu maghha, jew dak il-perijodu iehor jew perijodi ohra hekk kif il-Ministru jista', f'kazijiet specjali jordna permezz ta' regolamenti:...*

Dan il-provvediment tal-Ligi ma johloqx biss parametru entro liema l-Kummissarju jista' jinvestiga jew jaghmel verifika fil-konfront ta' *taxpayer* fir-rigward ta' perijodu/perijodi ta' taxxa partikolari izda, esplicitament jimponi obbligu fuq l-istess *tax payer* li d-dokumentazzjoni, taghrif, dokumenti u kontijiet dwar l-attività ekonomika tieghu li huwa mehtieg li jzomm ai termini tal-Ligi, effettivament izzommhom ***ghal zmien ta' mill-anqas sitt snin minn tmiem is-sena li jkollhom x'jaqsmu maghha***.

Fil-kaz in ezami l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud beda l-verifika tieghu in segwitu ghat-talba ghad-*de-registration* tar-Rikorrenti fil-21 ta' Mejju 2009, ossia ben entro t-terminu ta' sitt snin previsti fil-Ligi in kwantu r-Rikorrenti stess iddikjarat li hija temmet in-negozju, ossia l-attività ekonomika taghha, fil-31 ta' Awwissu 2004. Kien f'Mejju ta' l-2009, senjatament b'ittra datata 21 ta' Mejju 2009[32], li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talab lir-Rikorrenti tipprovdilu l-Kotba tax-Xiri mill-01.10.03-01.02.04 u 01.02.04-30.04.04, l-Kotba tal-Bejgh, ricevuti u fatturi ta' Bejgh u Xiri u Profit and Loss Accounts ghall-istess perijodi. Din it-talba regghet giet imtennija fil-15 ta' Gunju 2009[33] b'ittra ohra indirizzata lir-Rikorrenti izda l-istess Rikorrenti rrispondiet illi *I have been separated and the process of moving I must have misplaced or thrown away these books. To the best of my knowledge I was never informed that I had to keep these books after 6 years of closing up the Boutique. I closed because business was bad and I lost a lot of money. I did not even make a sale of my stock before I closed, because I closed within a week and returned the key to the owner of the shop…*[34]

Frankament it-Tribunal ma jqisx li l-iskuza li gabet ir-Rikorrenti ghan-nuqqas ta' dokumentazzjoni hija wahda valida. Il-fatt li kellha l-obbligu li zzomm id-dokumentazzjoni ghall-perijodu ta' sitt snin ma kellux ikun id-Dipartiment li jinfurmaha bih izda kienet hi li kellha tkun a konoxxenza ta' tali obbligu baziku l-minuta li ghazlet li tiggestixxi attività ekonomika debitament irregistrata ai termini tal-Ligi. Del resto huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *ignorantia legis neminem excusat.*

Ir-Rikorrenti tippretendi li l-istima in kwistjoni ghandha tigi kkancellata *in toto* ghaliex skontha d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud infurmaha li naqset milli tissottometti d-denunzja tat-taxxa taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.-31.08.04, li kien l-ahhar perijodu ta' l-attività ekonomika gestita minnha, biss fl-2010 ossia fi zmien meta, terga' ttenni, ma kellhix dokumentazzjoni a disposizzjoni taghha. It-Tribunal hawn ukoll ma jqisx li l-pretensjoni tar-Rikorrenti li l-istima in kwistjoni ghandha tigi kkancellata *in toto* ghal tali raguni hija gustifikata u dana billi: (i) fl-ewwel lok huwa obbligu ta' kull *tax payer* registrat ai termini tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta li jara li jkun qed jottempera ruhu mad-disposizzjonijiet ta' dik il-Ligi, fost liema hemm il-provvediment specifiku li jigu sottomessi d-denunzji tat-taxxa mehtiega entro t-termini relattivi, u ma ghandux ikun id-Dipartiment li joqghod ifakkar lit-*tax payer* jew jigbidlu l-attenzjoni ghan-nuqqasijiet tieghu; u (ii) hija giet infurmata biex tissottometti d-denunzja ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04 entro t-terminu ta' sitt snin minn tmiem l-imsemmi perijodu ta' taxxa tant illi d-denunzja kellha tigi sottomessa sal-15 ta' Novembru 2009, izda r-Rikorrenti ghal ragunijiet li taf hija biss ghazlet li tissottometti l-istess fil-25 ta' Ottubru 2010.

[32] Fol. 48 tal-process.
[33] Fol. 49 tal-process.
[34] Fol. 50 tal-process.

Detto ciò però t-Tribunal ma jistax jonqos milli josserva b'disapprovazzjoni d-dewmien – fil-fehma Tieghu ghal kollox inaccettabbli fil-kaz in ezami – da parte tad-Dipartiment dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud f'li jaghmel il-verifiki mehtiega in segwitu ghat-talba ghad-*de-registration* da parte tar-Rikorrenti. Mill-atti jirrizulta li t-talba ghat-talba ghad-*de-registration* saret fil-**15 ta' Settembru 2004** u d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud baghat konferma li dik it-talba giet milqugha (addirittura erronejament da parte tad-Dipartiment ghaliex hadha b'effett mill-1 ta' Mejju 2004, mentri r-Rikorrenti iddikjarat li kellha tkun b'effett mill-31 ta' Awwissu 2004) **biss fl-10 ta' Novembru 2008**, ossia iktar minn erba' snin wara, u beda l-verifika tieghu jerga' sitt xhur wara, fil-**21 ta' Mejju 2009**.

Huwa veru li ai termini tal-Ligi l-Kummissarju ghandu margini ta' sitt snin mit-tmiem tal-perijodu ta' taxxa rilevanti biex jaghmel l-investigazzjonijiet u verifiki tieghu u huwa daqstant iehor veru li t-*tax payer* ghandu l-obbligu li jzomm id-dokumentazzjoni w informazzjoni rilevanti ghall-attività ekonomika tieghu ghall-perijodu ta' sitt snin minn tmiem il-perijodu/perijodi ta' taxxa rilevanti izda fil-fehma tat-Tribunal huwa b'mod generali inawdit li talba ghad-*de-registration* tigi imwiegba iktar minn erba' snin wara li ssir u b'mod partikolari ghall-kaz in ezami, li verifika dwar attività ekonomika li giet gestita ghal ftit xhur biss iddum biex tinbeda iktar minn hames snin mill-waqfien ta' tali attività ekonomika.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ma hemmx lok ta' intervent dirett da parte tat-Tribunal ghaliex kif già iktar 'l fuq osservat id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud xorta agixxa entro l-parametri tal-Ligi u ghalhekk ma hemmx lok tal-kancellament *in toto* ta' l-istima mertu tal-kontestazzjoni, u l-kwistjoni tal-mark-up giet – ghall-inqas in parte – determinata favur l-argument tar-Rikorrenti li l-mark-up applikat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kien wiehed eccessiv, izda jaghmel rakkomandazzjoni lill-Kummissarju tat-Taxxi biex jaccerta ruhu li l-verifiki w investigazzjonijiet li jsiru mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jsiru b'effikacja u celerità.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li t-tielet aggravju sollevat mir-Rikorrenti ma huwiex gustifikat u bhala tali ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte l-appell tar-Rikorrenti mill-istima mahruga kontra taghha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.04-31.08.04 u konsegwentement ivarja l-imsemmija stima billi jnaqqas ir-rimanenti taxxa dovuta fuq il-closing stock minn €1,843.01 ghal **€1,636.56**, b'dana li l-penali amministrattivi w imghaxijiet dovuti jigu kalkolati a bazi ta' tali figura kif hekk imnaqqsa.

Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz it-Tribunal iqis li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet kontendenti.

A tenur ta' l-Artikolu 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta t-Tribunal jordna li kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata lir-Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**